# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn sebgha (7) ta' Novembru 2016**

**Rikors Numru 121/16 FDP**

**Christopher Gaffarena**

**vs**

**Kurt Buttigieg**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Gunju 2016 fejn l-attur talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasu s-somma ta' tmien elef Euro (€8,000) dovuta bhala import ta' sittax-il kambjala minnu iffirmati u skaduti.

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-Ittra bonarja datata 31 ta' Awissu 2014 u tal-Ittra Ufficjali datata ta' Jannar 2016.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-intimat fil-5 ta' Lulju 2016 (fol 4).

Rat illi fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2016, l-intimat, debitament notifikat, ma deherx u ir-rikorrent ippresenta kapitolu fil-konfront tieghu (fol 6).

Rat illi fis-seduta ta' llum, 3 ta' Novembru 2016, il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur ta' l-attur jghid li t-talba attrici ghadha dovuta, issib li t-talba tal-attur kif mitluba tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' tmint elef Euro (€8,000), rappresentanti l-import ta' sittax-il kambjala minnu iffirmati u skaduti.**

**Spejjez u Imghax legali kontra l-konvenut kif mitluba fil-avviz promotur.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**